L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
MALTA
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*
*Department for Local Government*

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XV

16 ta' Novembru 2011

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**MEMO 114/2011**

**TAĦRIĠ GĦAL IDEAT INNOVATTIVI FL-APPLIKAZZJONIJIET TAL-PROĠETTI KOFINANZJATI MILL-UNJONI EWROPEA**

Ta' spiss il-Kunsilli Lokali jiġu ffaċċjati b'inizjattivi sabiex japplikaw għal proġetti li jkollhom kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea, opportunitajiet li bi ħsieb iwasslu għal twettiq ta' proġetti li jkomplu jimmodernizzaw il-lokalitajiet tagħna u iktar importanti jwasslu għal komunitajiet sostenibbli. L-opportunitajiet qed jiżdiedu u daqstant ieħor qed jiżdiedu l-isfidi għall-Kunsilli Lokali li jiġġeneraw ideat kreattivi u innovattivi fis-sottomissjonijiet tagħhom.

Għaldaqstant id-Dipartiment għall-Gvern Lokali qiegħed joffri *Foundation Course in Creative Thinking* immirat għal dawk il-Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u Membri tal-I*staff* li għandhom ir-responsabbiltà ta' affarijiet Ewropej jew li parti mir-rwol tagħhom hu relatat mal-proċess ta' applikazzjonijiet għal proġetti b'kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea.

Dan il-kors se jsir fuq żewġ sessjonijiet nhar is-Sibt, 3 ta' Diċembru u nhar l-Erbgħa, 7 ta' Diċembru, 2011 bejn id-9.30 u l-11.30 ta' filgħodu fejn il-parteċipanti se jkunu mħeġġa jaħdmu flimkien biex jiġġeneraw ideat ġodda relatati mas-suġġett. Il-programm hu mehmuż. In-numru ta' parteċipanti hu limitat għal massimu ta' ħmistax-il parteċipant u se jsir fiċ-Ċentru tat-Taħriġ tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Belt Valletta. Applikazzjonijiet jiġu milqugħa sa nhar l-Erbgħa, 23 ta' Novembru, 2011 permezz ta' *email* lil *Ms* Violet Galea fuq violet.galea@gov.mt.

Fl-eventwalità li jkun hemm interess ikbar għal dan il-proġett, ikun il-pjaċir tad-Dipartiment li jorganizza sessjonijiet oħra fuq bażi reġjonali, inkluż f'Għawdex.

Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

Mehmuż: programm

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 2000
TEL: 2200 2300 FAX: 2200 2390